# Minuti tal-Laqgħa b'Urġenza

## Seduta Nru. 39/2013

Data: L-Erbgħa, 26 ta' Ġunju 2013

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Catherine Mangion – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Viċi Chairperson*
Joanne Debono Grech – Sindku ta' Birkirkara
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati:

- Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida.

## AĠENDA

1. Ġieħ is-Swatar 2013

## Kontenut

Annex A Minuti 39/2013

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

## Minuti 39/2013

# 1. 1. Ġieħ is-Swatar 2013

**1.1** Iċ-*Chairperson* sejħet laqgħa b'urġenza biex il-Kumitat jiddiskuti l-aħħar preraparamenti u japprova il-programm finali għas-serata ta' Ġieħ is-Swatar 2013, jiddeċiedi min ser jieħu l-mertu ta' Ġieħ is-Swatar kif ukoll il-pagamenti kollha li ser isiru hekk kif l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ottjena il-kwotazzjonijiet kollha.

**1.2** Is-serata ser tibda b'Quddiesa u tkompli ġewwa s-sala tal-Parroċċa fejn ser jingħata Ġieħ is-Swatar imbagħad ikun hemm riċevement żgħir għall-mistiedna kollha fl-istess sala. Is-Serata ser tiġi preżentata mis-Sur Kevin Spiteri u La Barokka tkanta għal waqt il-Quddiesa. Il-programm ġie diskuss u approvat mill-Kumitat.

**1.3** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa l-Kumitat li s-sotto kumitat ta' Ġieħ is-Swatar kien indeċiż lil min jagħżel hekk kif żewġ membri għażlu lil Fr Gordon Refalo u żewġ membri oħra għażlu lis-Sur Victor Mifsud biex jieħu l-mertu. Għalhekk il-Kumitat, wara diskussjoni iddeċieda li l-mertu għal-Ġieħ is-Swatar 2013 jieħduh it-tnejn li huma.

**1.4** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta rendikont tal-ispejjeż li ser isiru għas-serata kif elenkati hawn taħt. Il-Kumitat approva dawn l-ispejjeż.

| **Fornitur** | **Deskrizzjoni** | **Ammont li ser Jitħallas** |
|---|---|---|
| Reception | Neriku Catering | €795.28 |
| Evelopes for Invites | Landue | €3.00 |
| Premju Plakka Ġieħ is-Swatar | Vascas Enterprises Ltd. | €75.00 |
| Premju Plakka u engraving Ġieħ is-Swatar | Vascas Enterprises Ltd. | €95.00 |
| Singing in Church including Pianist | La Barokka | €160.00 |
| Photographic Service and DVD Recording | PuntoScatto Photography | €70.00 |
| | Total | €1,198.28 |

**1.5** Il-laqgħa spiċċat fis-6:30pm.

Mary Rose Mifsud
*Chairperson*

Data:

Christopher Galea
Aġent Segretarju